SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

1 ta' Ġunju 2016*

"Politika Agrikola Komuni — Pagamenti diretti — Kriterji ulterjuri għal ċerti tipi ta' żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika mħawlin b'imsaġar b'newba qasira — Artikolu 45(8) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014 — Artikolu 46(9)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 — Abbuż ta' poter — Ċertezza legali — Nondiskriminazzjoni — Aspettattivi leġittimi — Dritt għall-proprjetà — Obbligu ta' motivazzjoni"

Fil-Kawża T-662/14,

L-Ungerija, irrappreżentata minn M. Fehér u G. Koós, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn H. Kranenborg, A. Sipos u G. von Rintelen, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament ta' parti mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 45(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014, tal-11 ta' Marzu 2014, li jissupplimenta r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU 2014, L 181, p. 1), li jipprovdi: "billi jagħżlu mil-lista stabbilita skont l-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-ispeċijiet li huma l-aktar xierqa minn perspettiva ekoloġika, b'hekk jeskludu speċijiet li mhumiex indiġeni b'mod ċar",

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Prek, President, I. Labucka u V. Kreuschitz (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: S. Bukšek Tomac, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Diċembru 2015,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

Sentenza [1]

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013 L 347, p. 608, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Bażiku"), jistabbilixxi qafas legali ġdid għall-appoġġ dirett fil-kuntest tal-politika agrikola komuni (PAK).

2 Wieħed mill-għanijiet tal-PAK, kif iddefinit mill-ġdid mir-Regolament Bażiku, huwa t-titjib tal-prestazzjonijiet ambjentali permezz ta' komponent ekoloġiku obbligatorju ta' pagamenti diretti, li għandu jkun ta' appoġġ għall-prattiki agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent fl-Unjoni Ewropea kollha. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti sabiex, flimkien mal-pagament bażiku, jagħtu pagament annwali għall-prattiki obbligatorji li għandhom jiġu segwiti mill-bdiewa li bħala prijorità għandhom jiffukaw fuq għanijiet fil-qasam tal-klima kif ukoll tal-ambjent. Waħda minn dawn il-prattiki, li għandhom japplikaw għaż-żoni eliġibbli kollha tal-azjenda agrikola, tikkonsisti fl-istabbiliment ta' żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika (premessa 37 tar-Regolament Bażiku). Dawn iż-żoni għandhom jiġu stabbiliti b'mod partikolari sabiex jissalvagwardjaw u jtejbu l-bijodiversità fl-azjenda agrikola (premessa 44 tar-Regolament Bażiku).

3 Għalhekk ir-Regolament Bażiku jipprevedi li meta r-raba' li tinħarat ta' azjenda agrikola tkopri iktar minn ħmistax-il ettaru, il-bdiewa għandhom jiżguraw li, mill-1 ta' Jannar 2015, żona li tikkorrispondi għal mill-inqas 5 % tar-raba' li tinħarat tal-azjenda agrikola li l-bidwi jkun iddikjara, tikkostitwixxi żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika [Artikolu 46(1) tar-Regolament Bażiku].

4 Fost iż-żoni differenti li jistgħu jitqiesu mill-Istati Membri bħala żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika hemm żoni b'imsaġar b'newba qasira bl-ebda użu ta' fertilizzanti minerali jew ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [Artikolu 46(2) tar-Regolament Bażiku].

5 Sabiex jiġi żgurat li ż-żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika jiġu stabbiliti b'mod effikaċi u koerenti, ir-Regolament Bażiku jipprevedi d-delega lill-Kummissjoni Ewropea tas-setgħa ta' adozzjoni ta' ċerti atti intiżi sabiex jiġu ddefiniti kriterji għad-determinazzjoni ta' żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika (premessa 45 tar-Regolament Bażiku). B'hekk, l-Artikolu 46(9)(a) tar-Regolament Bażiku jipprovdi li l-Kummissjoni għandha s-setgħa tistabbilixxi kriterji ġodda sabiex tiddetermina liema tipi ta' żoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' din l-istess dispożizzjoni, li jinkludi ż-żoni b'imsaġar b'newba qasira msemmija iktar 'il fuq, jistgħu jitqiesu bħala żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika.

6 Abbażi ta' din is-setgħa, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014, tal-11 ta' Marzu 2014, li jissupplimenta r-Regolament Bażiku (ĠU 2014, L 181, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Delega").

7 Fir-Regolament ta' Delega, il-Kummissjoni ddefinixxiet kriterji ulterjuri għal ċerti tipi ta' żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika. Fir-rigward ta' żoni b'imsaġar b'newba qasira mingħajr użu ta' fertilizzanti minerali u/jew ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-Kummissjoni ppreċiżat li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' speċi li jistgħu jintużaw għal dan il-għan, billi jagħżlu mil-lista stabbilita konformement mal-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament Bażiku, jiġifieri l-ispeċi li huma l-iktar xierqa minn perspettiva ekoloġika, fejn b'hekk jiġu esklużi speċi li ma humiex indiġeni b'mod ċar (Artikolu 45(8), tar-Regolament ta' Delega).

1 — Qegħdin jiġu riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li l-pubblikazzjoni tagħhom hija utli.

8 Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament ta' Delega, l-Ungerija ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament tal-Artikolu 45(8) tal-imsemmi regolament, sa fejn jipprevedi li, għall-imsaġar b'newba qasira, huma biss l-ispeċi l-iktar xierqa minn perspettiva ekoloġika li jistgħu jintgħażlu, b'hekk jeskludu speċi li ma humiex indiġeni b'mod ċar (iktar 'il quddiem il-"limitazzjoni kontenzjuża").

Proċedura u t-talbiet tal-partijiet

9 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Settembru 2014, l-Ungerija ippreżentat dan ir-rikors.

10 L-Ungerija titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla dik il-parti tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 45(8) tar-Regolament ta' Delega fejn hija tgħid li: "billi jagħżlu mil-lista stabbilita skont l-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-ispeċijiet li huma l-aktar xierqa minn perspettiva ekoloġika, b'hekk jeskludu speċijiet li mhumiex indiġeni b'mod ċar";

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

11 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.

12 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali. It-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2015.

Fuq il-mertu

13 L-Ungerija tqis, essenzjalment, li bl-adozzjoni tal-limitazzjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni, l-ewwel nett, marret lil hinn mis-setgħa tagħha u indebitament illimitat is-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri, it-tieni nett, ħadet inkunsiderazzjoni kriterji li huma kuntrarji għar-Regolament Bażiku, it-tielet nett, abbużat mil-poter tagħha, ir-raba' nett, kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali, il-ħames nett, kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, is-sitt nett, kisret il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, is-seba' nett, kisret il-prinċipju ta' protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà, it-tmien nett, kisret l-obbligu ta' motivazzjoni.

Fuq il-ksur tal-limiti tas-setgħa tal-Kummissjoni u tas-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri

14 L-Ungerija tqis, essenzjalment, li l-impożizzjoni mill-Kummissjoni tal-limitazzjoni kontenzjuża hija illegali peress li marret lil hinn mis-setgħa mogħtija lilha permezz tar-Regolament Bażiku u rrendiet teorika s-setgħa tal-Istati Membri li jagħżlu speċi ta' siġar li jistgħu jintgħażlu għall-imsaġar b'newba qasira skont il-kriterji ta' żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika. Skont l-Ungerija, il-formulazzjoni apparentement wiesgħa tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni tirriżulta mill-fatt li ż-żoni li fir-rigward tagħhom għandha s-setgħa li tistabbilixxi l-kriterji huma partikolarment eteroġeni. Minn dan ma jsegwix li l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa. L-għażla tal-ispeċi ta' siġar li jistgħu jintużaw taqa' taħt il-kompetenza u taħt id-diskrezzjoni wiesgħa tal-Istati Membri kif mogħtija lilhom permezz tal-Artikolu 4(1)(k), u (2)(c) tar-Regolament Bażiku u l-premessa 55 tar-Regolament ta' Delega. Din il-kompetenza u din il-marġni ta' diskrezzjoni jipprekludu l-użu li l-Kummissjoni għamlet

mis-setgħa tagħha f'dan il-każ. Il-limitazzjoni kontenzjuża tneħħi kull sens mis-setgħa ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni tikkontesta l-fatt li, billi adottat il-limitazzjoni kontenzjuża, hija marret lil hinn mis-setgħa mogħtija lilha permezz tar-Regolament Bażiku.

15 Fid-dawl ta' dawn l-ilmenti, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 4(1)(k) tar-Regolament Bażiku jiddefinixxi l-imsaġar b'newba qasira bħala "erjas [żoni] mħawlin b'dawk l-ispeċijiet ta' siġar (Kodiċi tan-NM 0602 90 41) li għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri li jikkonsistu minn uċuħ tar-raba' għudin, perenni, li r-riżomi jew l-għeruq tagħhom jibqgħu fl-art wara l-ħsad, b'rimjiet żodda li joħorġu fl-istaġun ta' wara" u jipprovdi wkoll li "[iċ-]ċiklu ta' ħsad massimu [...] għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri". Barra minn hekk, l-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament Bażiku jipprevedi li l-Istati Membri "jiddefinixxu l-ispeċijiet ta' siġar li jikkwalifikaw għal msajġar b'rotazzjoni [newba] qasira u jiddeterminaw iċ-ċiklu ta' ħsad massimu fir-rigward ta' dawk l-ispeċijiet ta' siġar, kif imsemmi fil-punt (k) tal-paragrafu 1)[tal-Artikolu 4 tar-Regolament Bażiku]".

16 Barra minn hekk, l-Artikolu 46(9)(a), tar-Regolament Bażiku jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati bil-għan li tistipula kriterji żodda sabiex jiġi stabbilit liema tipi ta' żoni msemmija fl-Artikolu 46(2), jikkwalifikaw bħala żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika. Skont din l-aħħar dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Awwissu 2014, jiddeċiedu li waħda jew iktar miż-żoni elenkati iktar 'il quddiem fl-imsemmi artikolu għandhom jitqiesu bħala żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika. Din il-lista tinkludi ż-żoni b'imsaġar b'newba qasira bl-ebda użu ta' fertilizzanti minerali jew prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Barra minn hekk, l-Artikolu 46(9)(a) tar-Regolament Bażiku jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tistabbilixxi l-kriterji għad-determinazzjoni taż-żoni mħawla b'imsaġar b'newba qasira bl-ebda użu ta' fertilizzanti minerali jew ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jiġu kkunsidrati bħala żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika.

17 Il-premessa 45 tar-Regolament Bażiku li tippreċiża r-raġunijiet għas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni, issemmi li, "[s]abiex tkun żgurata li erjas ta' fokus ekoloġiku [żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika] jiġu stabbiliti b'mod effiċjenti u koerenti, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċifiċi tal-Istati Membri, is-setgħa ta' adozzjoni ta' ċerti atti għandha tkun ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ulterjuri ta' kriterji għall-kwalifikazzjoni ta' erjas bħala erjas ta' fokus ekoloġiku; ir-rikonoxximent ta' tipi oħrajn ta' erjas ta' fokus ekoloġiku; l-istabbiliment ta' fatturi ta' konverżjoni u ta' ppeżar għal ċertu tip ta' erja ta' fokus ekoloġiku; l-istabbiliment ta' regoli għall-implimentazzjoni, mill-Istati Membri, ta' parti mill-erja ta' fokus ekoloġiku fil-livell reġjonali; l-istabbiliment ta' regoli għall-implimentazzjoni kollettiva tal-obbligu li jinżammu fil-viċin ħafna erjas ta' fokus ekoloġiku minn impriżi; l-istabbiliment tal-qafas għall-kriterji, li għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri, għall-identifikazzjoni ta' tali viċinanza; u l-istabbiliment tal-metodi għad-determinazzjoni tal-proporzjon ta' foresti ma' art agrikkola".

18 Bis-saħħa tal-Artikolu 46(9)(a) tar-Regolament Bażiku, il-Kummissjoni adottat il-limitazzjoni kontenzjuża, li timponi kriterju ulterjuri sabiex żona tiġi kkwalifikata bħala żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika. Fil-fatt, il-limitazzjoni kontenzjuża, teskludi t-tħawwil tal-ispeċi mhux indiġeni ta' msaġar b'newba qasira fuq żona maħsuba biex tkun żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika. B'hekk, skont l-Artikolu 46(2)(g) tar-Regolament Bażiku u l-limitazzjoni kontenzjuża, żona mħawla b'imsaġar b'newba qasira tikkwalifika bħala żona b'konċentrazzjoni ekoloġika bil-kundizzjoni li ma tiġix arrikkita b'fertilizzanti minerali jew ittrattata bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u sakemm l-imsaġar ikunu ta' speċi indiġena.

19 Billi adottat il-limitazzjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ma eċċedietx is-setgħa tagħha. Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 46(9)(a) tar-Regolament Bażiku, hija stabbiliet kriterju ġdid għad-determinazzjoni ta' liema żoni msemmija fl-Artikolu 46(2) tar-Regolament Bażiku setgħu jiġu kkunsidrati bħala żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika. La l-Artikolu 46(9)(a), tar-Regolament Bażiku u lanqas id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-istess regolament ma jipprevedu li l-imsemmi kriterju ma setax

jindirizza t-tip ta' speċi li setgħet tiġi mħawla. Barra minn hekk, għar-raġunijiet indikati fil-punti 31 *et seq* iktar 'il quddiem, il-limitazzjoni kontenzjuża tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika b'mod effiċjenti u koerenti sabiex tiġi mħarsa l-bijodiversità taż-żoni.

20 Barra minn hekk, billi adottat il-limitazzjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ma marritx kontra l-kompetenza u l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri sabiex jiddeterminaw l-ispeċi ta' siġar li jistgħu jitħawlu biex joħolqu msaġar b'newba qasira.

21 Fil-fatt, ir-Regolament Bażiku, u, b'mod partikolari, l-Artikolu 4(1)(k) u (2)(c), ma jagħtix lill-Istati Membri kompetenza esklużiva għall-għażla tal-ispeċi ta' siġar li jistgħu jitħawlu sabiex jinħolqu żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika. Kif ġustament tindika l-Kummissjoni Ewropea fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, jekk l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu lista tal-ispeċi ta' siġar li jistgħu jitħawlu f'imsaġar b'newba qasira, huma biss l-ispeċi ta' siġar li jissoddisfaw il-kundizzjonijiet previsti mir-Regolament Bażiku u l-kriterji ulterjuri stabbiliti mill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex żoni agrikoli jikkwalifikaw bħala żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika.

22 Barra minn hekk, il-limitazzjoni kontenzjuża ma tnaqqasx il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri għal livell purament simboliku u, fil-prattika, ma tirrendihiex ineffettiva. Fil-fatt, l-Ungerija ma kkontestatx il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li min-notifiki li ntbagħtu mill-Istati Membri, b'applikazzjoni tal-Artikolu 46(8) tar-Regolament Bażiku, irriżulta li dawn tal-aħħar għażlu speċi ta' siġar indiġeni sabiex joħolqu żoni mħawlin b'imsaġar b'newba qasira li jikkwalifikaw bħala żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika. Minn dawn in-notifiki jirriżulta li 18-il Istat Membru u xi reġjuni ta' żewġ Stati Membri oħra għażlu b'kollox 19-il speċi ta' siġar sabiex jiġu stabbiliti żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika mħawlin b'imsaġar b'newba qasira. B'dan il-mod, l-Istati Membri nnotifikaw speċi li kienu jissoddisfaw kemm ir-rekwiżiti tar-Regolament Bażiku, kif ukoll dawk imposti mil-limitazzjoni kontenzjuża. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sostniet li, fi kważi 75 % tal-Istati Membri, inkluża l-Ungerija, jeżistu speċi ta' siġar li jippermettu l-ħolqien ta' msaġar b'newba qasira li jikkwalifikaw bħala żoni b'konċentrazzjoni ekoloġika. Fin-notifika li saret skont l-Artikolu 46(8) tar-Regolament Bażiku, l-Ungerija għażlet ħames speċi ta' siġar għall-ħolqien ta' msaġar b'newba qasira, jiġifieri siġra tal-luq, żafżafa, alnu, fraxxnu u aġġru.

23 Barra minn hekk, l-Ungerija ma tissostanzjax biżżejjed l-argument tagħha li s-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri saret ineffettiva minħabba li l-ebda speċi ta' siġra ma hija ekonomikament vijabbli. Fil-fatt, l-Ungerija ma tispjegax fuq liema bażi hija tafferma li l-vijabbiltà kienet tikkostitwixxi element li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni meta ġew stabbiliti l-kriterji ġodda għad-determinazzjoni ta' żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika, speċjalment meta, għall-imsaġar b'newba qasira, l-Artikolu 46(2) tar-Regolament Bażiku jipprevedi li 5 % tar-raba' li għandha tintuża bħala żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika ma tistax tinsab fuq raba' li tinħarat. Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, l-Ungerija ma pproduċiet l-ebda prova li turi li l-kultivazzjoni ta' speċi ta' siġar indiġeni għall-imsaġar b'newba qasira ma kinitx ekonomikament vijabbli.

24 L-evalwazzjonijiet preċedenti ma humiex imqiegħda inkwistjoni bl-invokazzjoni tal-Ungerija tal-premessa 55 tar-Regolament ta' Delega. Fil-fatt, din il-premessa tipprevedi li "[l-]użu limitat tal-inputs meħtieġa għall-kultivazzjoni tal-imsajġar ta' newba qasira jirriżulta f'benefiċċji indiretti għall-bijodiversità" u li, "[għ]al dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jistipulaw il-kundizzjonijiet li japplikaw għal dan it-tip ta' żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika, billi jispeċifikaw lista ta' speċijiet ta' siġar li jistgħu jintużaw u r-regoli fir-rigward tal-użu tal-inputs". Għalhekk, din il-premessa tirrigwarda prinċipalment l-inputs. Barra minn hekk, ma tistax tipprevali fuq l-Artikolu 46(9)(a) tar-Regolament Bażiku jew fuq l-Artikolu 45(8) tar-Regolament ta' Delega li jinkludi l-limitazzjoni kontenzjuża. L-Ungerija tammetti dan impliċitament meta fir-rikors tindika li, "kuntrarjament għad-dispożizzjonijet tal-Artikoli, il-premessi ma humiex vinkolanti fid-dritt". Fl-aħħar nett, sa fejn l-imsemmija premessa

tirrikonixxi kompetenza tal-Istati Membri, għandu jiġi osservat li, għar-raġunijiet indikati fil-punt 21 iktar 'il fuq, hija ma teskludix l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-limitizzjoni kontenzjuża. Għalhekk din il-premessa ma tistax taffettwa l-evalwazzjonijiet li saru qabel.

25 Għar-raġunijiet preċedenti kollha, għandhom jiġu miċħuda l-allegazzjonijiet tal-Ungerija li permezz tagħhom hija ssostni li, bl-adozzjoni tal-limitazzjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni marret lil hinn mil-poteri tagħha u indebitament illimitat is-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri.

Fuq it-teħid inkunsiderezzjoni tal-ispeċi li huma l-iktar xierqa minn perspettiva ekoloġika u fuq l-esklużjoni tal-ispeċi li ma humiex indiġeni

26 L-Ungerija tqis li, bl-inklużjoni tal-kundizzjoni restrittiva dwar l-użu "ta' speċijiet li huma l-aktar xierqa minn perspettiva ekoloġika", il-Kummissjoni adottat pożizzjoni li ma hijiex rikonoxxuta mir-Regolament Baziku u li bilkemm hija kompatibbli mal-ispirtu tiegħu. Barra minn hekk, l-Ungerija tikkontesta l-fatt li l-speċi indiġeni biss huma kkunsidrata bħala dawk l-iktar xierqa mill-perspettiva ekoloġika. Esklużjoni ta' speċi mhux indiġeni hija ammissibbli biss li kieku ż-żoni li għandhom impatt dirett fuq id-diversità bijoloġika kienu utili mill-perspettiva ekoloġika. Issa, din l-aħħar pożizzjoni hija xjentifikament ineżatta u inkompatibbli mar-Regolament Bażiku. L-esklużjoni fuq il-bażi tal-kriterju ta' "speċijiet li huma l-aktar xierqa minn perspettiva ekoloġika" tal-ispeċi li ma humiex indiġeni hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni.

27 Fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-ispeċi li huma l-iktar xierqa minn perspettiva ekoloġika sabiex żona mħawla b'imsaġar b'newba qasira tiġi ddefinita bħala żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika, għandu jitfakkar li, fil-qasam tal-PAK, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tad-definizzjoni tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu u l-għażla tal-istrumenti ta' azzjoni xierqa. Minn dan isegwi li l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni fuq il-mertu huwa limitat għall-eżami dwar jekk l-eżerċizzju mill-istituzzjonijiet tal-kompetenzi tagħhom huwiex ivvizzjat bi żball manifest, dwar jekk kienx hemm użu ħażin ta' poter jew dwar jekk dawn marrux manifestament lil hinn mil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2011, Franza vs Il-Kummissjoni, T-257/07, EU:T:2011:444 punti 84 u 85 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Barra minn hekk, il-premessa 44 tar-Regolament Bażiku jsemmi:

"Għandhom jiġu stabbiliti erjas ta' fokus ekoloġiku [żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika], b'mod partikolari, sabiex jissalvagwardjaw u jtejbu l-bijodiversità fl-azjendi agrikoli. L-erjas ta' fokus ekoloġiku għandhom għalhekk jikkonsistu f'erjas li jolqtu direttament il-biodiversità bħal art mistrieħa, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, art imtarrġa, biċċiet ta' art ta' lqugħ, erjas afforestati u erjas ta' agrosilvikultura, jew li jolqtu indirettament il-biodiversità permezz ta' użu mnaqqas ta' inputs fl-azjenda agrikola, bħal erjas koperti minn uċuħ li jikbru malajr u kopertura veġetali tax-xitwa […]"

29 Għaldaqstant, żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika għandhom jiġu stabbiliti sabiex iħarsu u jtejbu l-bijodiversità fl-azjendi agrikoli.

30 Issa, inkunsiderazzjoni tal-ispeċi li hija tqis bħala l-iktar xierqa minn perspettiva ekoloġika, jiġifieri l-ispeċi l-iktar xierqa għar-rispett tal-ekwilibriju fl-ambjent naturali jew għar-rispett tal-ekosistema taż-żona inkwistjoni, il-Kummissjoni għażlet kriterju li jikkontribwixxi għall-ħarsien tal-bijodiversità. Fil-fatt, il-preżervazzjoni tal-ekwilibriju tal-ambjent naturali taż-żona fl-għażla tal-ispeċi tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-bijodiversità fl-azjenda agrikola, peress li jostakola d-deterjorament tagħha. Għalhekk il-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta ħadet inkunsiderazzjoni l-ispeċi l-iktar xierqa minn perspettiva ekoloġika għad-definizzjoni ta' żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika fis-sens tar-Regolament Bażiku. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmi kriterju ma jiksirx ir-Regolament Bażiku jew l-ispirtu tiegħu.

31 Sa fejn l-Ungerija tikkontesta l-fatt li l-ispeċi indiġeni biss huma l-ispeċi l-iktar xierqa minn perspettiva ekoloġika, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, li t-tħawwil ta' speċi ta' siġar li ma humiex evidentement indiġeni bħala msaġar b'newba qasira ma kienx jiggarantixxi li dawn l-imsaġar iħarsu jew itejbu l-bijodiversità taż-żoni fl-azjendi agrikoli fejn huma mħawla. Bħalma ġie indikat fil-punt 28 iktar 'il fuq, l-għan li jrid jintlaħaq permezz taż-żoni b'konċentrazzjoni ekoloġika huwa l-ħarsien jew it-titjib tal-bijodiversità fiż-żoni tal-azjendi agrikoli. Il-ħarsien tal-bijodiversità tal-imsemmija żoni tfisser il-ħarsien tal-ambjent naturali tagħhom. Issa, l-impożizzjoni mill-Kummissjoni ta' msaġar ta' speċi indiġeni tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-imsemmi ambjent u, b'hekk, tal-bijodiversità taż-żoni inkwistjoni. Fil-fatt, speċi tiġi kkunsidrata bħala indiġena meta tikber b'mod naturali f'reġjun mingħajr ma tkun ġiet importata. Min-naħa l-oħra, it-tħawwil ta' speċi li ma humiex evidentement indiġeni ma jikkontribwixxix neċessarjament għall-ħarsien tal-ambjent naturali jew tal-ekosistema ta' żona agrikola u l-Ungerija ma pproduċiet ebda prova li turi li, f'dan il-każ, speċi ta' siġar li ma humiex indiġeni jħarsu jew itejbu l-bijodiversità fl-azjendi agrikoli. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet tillimita t-tħawwil ta' speċi ta' siġar fuq iż-żoni b'konċentrazzjoni ekoloġika b'imsaġar b'newba qasira għall-speċi indiġeni biss, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni u mingħajr ma tikser ir-Regolament Bażiku.

32 L-Ungerija tqis ukoll li, billi għamlet enfasi fuq żoni li għandhom impatt dirett fuq id-diversità bijoloġika bl-adozzjoni tal-limitazzjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ma kkunsidratx it-tieni approċċ tal-premessa 44 tar-Regolament Bażiku li jsemmi li d-diversità bijoloġika tista' wkoll tiġi promossa permezz ta' żoni li għandhom impatt indirett fuqha, mingħajr madankollu ma pprovdiet b'mod ċar ir-raġuni għal din l-għażla fil-premessi tar-Regolament ta' Delega jew fir-risposta. Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

33 Mill-premessa 44 tar-Regolament Bażiku jirriżulta (ara l-punt 28 iktar 'il fuq) li ż-żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika għandhom jinkludu żoni li jkollhom effett fuq il-bijodiversità kemm b'mod dirett, kif ukoll b'mod indirett mingħajr ma jkun hemm ġerarkija bejn dawn iż-żewġ alternattivi.

34 F'dan il-każ, bl-impożizzjoni tal-użu ta' speċi indiġeni għall-ħolqien ta' żoni b'konċentrazzjoni ekoloġika b'imsaġar b'newba qasira, il-limitazzjoni kontenzjuża hija maħsuba sabiex tistabbilixxi żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika abbażi tal-impatt dirett tagħhom fuq il-bijodiversità.

35 Din l-għażla tal-Kummissjoni ma tistax titqies li tmur kontra l-ispirtu tar-Regolament Bażiku, peress li dan tal-aħħar jipprovdi għall-possibbiltà li jittieħdu miżuri li għandhom impatt dirett fuq il-bijodiversità. Fl-eżerċizzju tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha, il-Kummissjoni setgħet għażlet li tadotta miżura b'impatt dirett fuq il-bijodiversità. Barra minn hekk, l-imsemmija għażla ma kinitx tirrikjedi spjegazzjoni partikolari fir-rigward ta' limitazzjoni li għandha effett indirett peress li, minn naħa, l-assenza ta' ġerarkija bejn iż-żewġ alternattivi u, min-naħa l-oħra, il-fatt li, f'dan il-każ, u b'mod partikolari fl-Ungerija, jeżistu speċi indiġeni li jistgħu jintużaw biex jinħolqu msaġar b'newba qasira (ara l-punt 22 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, l-ilment tal-Ungerija bbażat fuq l-għażla tal-Kummissjoni ta' kriterju li jiffavorixxi direttament id-diversità bijoloġika, għandu jiġi miċħud.

36 Għar-raġunijiet preċedenti kollha, għandhom jiġu miċħuda l-ilmenti tal-Ungerija fejn issostni li l-limitazzjoni kontenzjuża hija bbażata fuq kriterju inadegwat u hija vvizjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni. [*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.

Prek Labucka Kreuschitz

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-1 ta' Ġunju 2016.

Firem